MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Referenza Kostituzzjonali Numru. 43/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Martin Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-referenza kostituzzjonali tal-4 ta' Lulju 2011 tal-Qorti Kriminali fl-atti tal-Akkuza numru 35/2010 kontra Martin Dimech;

Rat l-atti kollha, ir-risposta tal-Avukat Generali, il-provi u dokumenti esebiti;

Semghet id-difensuri tal-partijiet fit-trattazzjoni li saret fid-9 ta' Dicembru 2011;

Rat li r-referenza kostituzzjonali thalliet ghas-sentenza ghal 10 ta' Jannar 2012.

**Ikkunsidrat**

Martin Dimech ilmenta illi minhabba li l-ligi Maltija ma kienitx tipprovdi d-dritt lill-interrogat ghal prezenza ta' avukat waqt li jkun detenut mill-Pulizija ezekuttiva huwa attwalment irrilaxja l-istqarrija tieghu minghajr ma kellu l-jedd jikkonsulta ruhu ma' avukat. Ghalhekk talab referenza a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ghax qed jallega li gew lezi lilu d-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti fl-artikolu 6(3)(c) konguntivament mall-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

L-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja jghid hekk:

(3) kull min hu akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:
(c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess ...

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jghid li kull persuna akkuzata b'reat kriminali ghandu jigi moghti smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fost affarijiet ohra.

Bhala fatt jirrizulta illi Martin Dimech irrilaxxja statement lil Pulizija fit-2 ta' Mejju 2009 waqt li kien qed jigi interrogat u qabel ma gie akkuzat (fol. 87 tal-process) meta ma kellux l-beneficcju ta' assistenza legali waqt l-ghoti tal-istatement. Del resto tali dritt ghal assistenza legali waqt l-arrest taht certi kondizzjonijiet dahal fis-sehh fil-Ligijiet ta' Malta fl-10 ta' Frar 2010 ghalkemm l-artikoli relevanti tal-Kodici Kriminali cioe artikoli 355AU u 355AT kien ilu mill-2002 li gie introdott.

Jirrizulta pero mill-atti processwali illi qabel l-ghoti tal-istatement in kwistjoni Martin Dimech gie moghti is-segwenti twissija cioe 'm'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb

bi prova'. Inoltre wara li saret l-istqarrija Martin Dimech qabel iffirmaha tnizzlu l-kliem 'Din l-istqarrija ghamilha volontarjament, minghajr theddid, weghdi jew promessi ta' vantaggi. Hija l-verita u wara li qrajtha jiena stess, nistqarr li ma rrid inzied jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u naghzel li niffirma'.

Fl-ebda stadju ta' ebda procedura quddiem il-Qorti kriminali jew quddiem din il-Qorti ma sar xi lment dwar il-volontarjeta tal-istqarrija.

Anzi Martin Dimech fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti stqarr illi hu kien gie interrogat f'okkazzjonijiet ohra fuq kwistjonijiet differenti u ma rrilaxxax stqarrijiet ghax ghazel li jaghmel hekk pero f'din l-istanza hu deherlu li ghandu jirrilaxxja l-istqarrijiet konxju tal-portata tat-twissijiet li sarulu qabel irrilaxxahom. Hu ghamel dan liberament.

L-Avukat Generali f'dan il-kaz qed jirrispondi ghal dan l-ilment billi fl-ewwel lok jinsisti li ma hemm ebda dritt fundamentali ghal assistenza legali izda dritt ghal smigh xieraq meta persuna tkun akkuzata b'reat kriminali, u li nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni kienet biss suxxettibbli ghal ksur tad-drittijiet tal-bniedem jekk smigh xieraq seta' jigi pregudikat waqt il-proceduri kriminali. Ghalhekk id-dritt ta' smigh xieraq irid jigi evalwat fit-totalita tal-procedura mehuda.

Inoltre l-istess Avukat Generali jirrileva illi l-istqarrija saret volontarjament u l-validita taghha fl-ebda hin ma giet attakata hlief b'dawn il-proceduri, cioe sentejn wara li nghatat. L-istess stqarrija mhix l-unika prova kontra l-akkuzat izda hemm provi ohra ta' importanza li jridu jigu kunsidrati sabiex jigi deciz jekk l-istqarrija ta' Martin Dimech kienitx lesiva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

Il-Qorti tqis li dak li ghandu jigi deciz minn din il-Qorti ghax hekk qed jigi mitlub ghall-ahjar struzzjoni tal-proceduri kriminali kontra Martin Dimech quddiem il-Qorti Kriminali kien jekk l-istqarrija ta' Martin Dimech mehuda bla assistenza legali hix lesiva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq skond l-artikolu 6(3)(c) u 6(1) tal-Konvenzjoni

Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Billi din hi referenza kostituzzjoni din il-Qorti ma tistax tmur oltre minn dak mitlub minnha.

In kwantu ghall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-Qorti fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Migneco** deciza fil-15 ta' Novembru 2011, walet ghal konkluzjoni li dan l-artikolu japplika biss meta persuna tkun <u>akkuzata</u> b'reat u mhux qabel. Il-Qorti qaleh hekk:

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[1] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[2];

Illi minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu għar-referenza jirrigwardaw ġrajja li seħħew qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li l-akkużat seħħlu juri li ġarrab ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tad-decizjonijiet tal-Qrati Kostituzzjonali fil-kawzi **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** deciza 12 ta' April 2011, **Il-Pulizja vs Esron Pullicino** deciza wkoll fit-12 ta' April 2011 u **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** deciza fil-11 ta' April 2011. Dawn il-kawzi kienu

[1] P.A. (Kost.) **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et***
[2] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***

kollha jitrattaw in principju l-istess ilment mressaq quddiem din il-Qorti.

Jidher li b’dawn it-tlett sentenzi gie stabbilit bla ebda ombra ta’ dubju d-dritt ghall-assistenza legali anke fil-fazi qabel persuna tkun akkuzata formalment cioe anke waqt il-fazi li persuna tkun tinsab arrestata qabel tigi akkuzata. Dan id-dritt hu limitat bl-eccezzjonijiet li jaghti l-istess Kodici Kriminali u f’sitwazzjonijiet ta’ necessita impellanti biss. Dan id-dritt japplika kemm qabel u wara d-dhul fis-sehh tal-emendi fil-Kodici Kriminali u kemm jekk l-arrestat ikun jew ma jkunx talab l-assistenza legali sakemm ma jkunx irrinunzja ghalih b’mod volontarju.

Dan id-dritt hu wiehed li ma jsibx eccezzjoni kemm ghall-eta, maturita, u fedina penali mtabba tal-arrestat, u anqas in-natura tal-akkuzi li eventwalment jingiebu kontrih.

Din il-Qorti mhix ser terga’ tirrepeti dak li qalet b’mod dettaljat u ezawrjenti l-Qorti Kostituzzjonali (anki diversament kostitwita) fuq dak li jwassal ghal dan id-dritt u n-nuqqas ta’ limitazzjoni ghalih. Qari ta’ dawn is-sentenzi hu bizzejjed biex jaghraf li l-konkluzzjoni raggunta hi wahda fejn din il-Qorti ma thoss li ghandha tipprova ssib soluzzjoni ghal vertenza differenti minn dak deciz.

Ghal kompletezza pero din il-Qorti tirreferi ghal dak li din il-Qorti jidhrilha l-essenza ta’ dan id-dritt kif spjegat fil-kawza **Il-Pulizija vs Mark Lombardi**:

L-appellati jikkontendu li d-dritt ta’ assistenza minn avukat m’ghandux jittiehed wahdu f’izolament imma ghandu jigi kkunsdirat fit-totalita` tieghu fit-tmiem tal-process.

Fl-imsemmi kaz Salduz difiza simili kienet giet avvanzata izda l-Qorti warrbitha billi rragunat li:

“Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial

failure to comply with its provisions" (Imbrioscia, cited above, § 36).

Qalet ukoll:

"In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial" (Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 50, Series A no. 96).

Fil-fehma ta' din il-Qorti biex jigi dikjarat jekk hemmx lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq il-Qorti mhux necessarjament trid toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz kollu jew li jigi attwalment miksur xi dritt tal-akkuzat, imma jekk ikun hemm diga` ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tista' taghmel dik id-dikkjarazzjoni ta' lezjoni, hija ghandha tezamina l-lanjanza meta tigi sollevata. Kif tikteb Karen Reid fil-ktieb "A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights", 3rd Edition page 70 "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall". Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi billi jista' jiddetermina "the framework in which the offence charged will be considered at the trial" (Can).

Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.

Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-Artikolu 6.

Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn listqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.

Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropea dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu (kaz Cadder fuq surreferit para. 33) kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni 'conviction' mhux fattur li ghandu jittiehed inkonsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc. Il-Pulizija ghandha ssib il-mezzi biex issolvi l-kazijiet li jkollha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni assai facli ta' ammissjoni minn persuna investigata minghajr l-assistenza ta' avukat. …

"These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused. [53]

"At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings…. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself". [54]

F'Malta l-procedura accettata dejjem kienet li stqarrija li ttiehdet minghand interrogat li ma jkollux l-assistenza ta' avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni jew interrogatorju

hi ammissibli. Din is-sistema ilha snin tigi segwita u ma gietx kontestata hlief dawn l-ahhar snin. Mill-bqija l-aktar li kienet tigi kkontestata kienet tkun il-volontarjeta` tal-istqarrija rilaxxjata. Bhala drittijiet, fost ohrajn, akkuzat kien jinghata l-'caution', kellu d-dritt ghas-silenzju u d-dritt li tal-familja jigu nfurmati bl-arrest tieghu wara certu hin (mhux mill-ewwel). Mill-bqija kien biss bl-Artikoli 355AT u 355AU tal-Kap. 9, introdotti bl-Artikolu 74 tal-Att III tal-2002, li emenda l-Kodici Kriminali, u li gew biss fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 bl-Avviz Legali 35 tal-2010, li ghall-ewwel darba nghata espressament dritt ta' access ghal avukat lill-persuna li tigi arrestata u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fil-ligi.

Ma' dan ghandu jizdied dak li ntqal fil-kaz **Salduz**:

"In order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police.

"Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6.

"The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction". Salduz [para 55]."

Jirrizulta lil din il-Qorti fil-kaz prezenti illi r-rikorrenti irrilaxxja stqarrija wahda li fiha ghamel kemm ammissjonijiet u cahdiet. Aparti din l-istqarrija l-prosekuzzjoni resqet provi ohra biex tissostanzja l-akkuzi mressqa fil-konfront tar-rikorrenti.

Meta l-Qorti qiset illi l-istqarrija saret minghajr ma l-akkuzat kien assistit minn avukat jirrizulta li d-dritt tieghu ghal assistenza legali gie miksur u dan a tenur tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien mal-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jinghad ghaliex “the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial” (Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006), pag. 631).

Kif qalet pero l-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs Pawlu Grech** (referenza Kost. 25/2011 deciza 3 ta’ Novembru 2011) la darba stqarrija titiehed minghajr mal-persuna mistharrga jkollha jedd tikkonsulta ma’ avukat titqies ksur tal-artikolu 6, ma jfissirx li l-istess procediment irid jitwaqqaf jew li t-tqieghed tal-istqarrija fl-atti tal-kawza jtabba l-process kollu.

L-istess Qorti pero fil-kawza fuq imsemmija ziedet hekk:

Illi hija l-fehma ta’ din il-Qorti li, meta titressaq bħala prova quddiem qorti ta’ ġudikatura kriminali stqarrija magħmula mill-persuna mixlija li tkun saret bi ksur tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni, dik il-Qorti għandha s-setgħa u d-dmir li tqis dwar l-ammissibilita’ ta’ stqarrija bħal dik jew jekk għandhiex tibqa’ tagħmel parti mill-inkartament li jkollha quddiemha u tislet l-effetti u r-riperkussjonijiet li dan jista’ jkollu f’każ li dik tkun il-prova waħdanija li tressaq ilprosekuzzjoni fil-każ tagħha;

Fl-istess sens ipprovdiet **Il-Pulizija vs Esron Pullicino** (12.04.2011 Kost.)

Il-provi f’din il-kawza juru illi l-imputat ma kellux l-opportunita li jkellem avukat qabel ghamel l-istqarrija jew

f’xi waqt li kien mizmum fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Ghalkemm kien hemm ligi li taghti jedd lill-imputat ghall-assistenza legali f’dawn ic-cirkostanzi, din ma kienitx ghadha in vigore u ghalhekk fid-dawl ta’ dak li ntqal sar ksur tal-jedd fundamentali tal-imputat ai termini tal-artikolu 6(1) tal-Kap. 319.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li saret mill-abbli difensur tar-Repubblika ta’ Malta li l-voluntarjeta tal-istqarrija kienet timplika rinunzja da parti ta’ Martin Dimech tad-dritt ghal-assistenza legali ma ghandhiex finalment fil-ligi billi fiz-zmien li Martin Dimech ghamel l-istqarrija ma kienx hemm jedd fil-ligi ghal-assistenza legali waqt interrogatorju u kwindi Martin Dimech ma setghax jirrinunzja ghal dritt li qatt ma kellu.

Mill-banda l-ohra kif gia intqal il-Qorti adita mill-kaz kriminali ghandha tevalwa hi l-portata ta’ tali stqarrija jew stqarrijiet tenut in konsiderazzjoni mhux biss il-kaz kriminali fih innifsu izda anke, bhal f’dan il-kaz dak li jkun ingieb bi prova dwar l-imsemmija stqarrija quddiem din il-Qorti u l-fattispecie tal-kaz partikolari.

In kwantu ghas-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma tistax tqis il-caution qabel l-ghoti tal-istatement u l-volontarjeta tal-istatement maghmul bhala rimedju ghal ksur tal-jedd fundamentali meta jibqa’ indeciz dak li kien jaghmel l-akkuzat kieku kellu avukat jaghtih parir jirrilaxxax statement jew le.

Lanqas tista’ din il-Qorti ma tistharrigx l-ilment ghax il-proceduri kriminali ghadhom mhux mitmuma jew ghax saret fl-istadju li saret. Wara kollox dik li qed jigi mistharreg hu jekk il-fatt li l-imputat ta stqarrija lil Pulizija bla ma kellu assitenza legali hi lesiva tad-dritt tieghu taht l-artikolu 6(3)(c) u mhix jekk hemmx ksur tal-jedd ta’ smigh xieraq fil-qafas tal-process mehud kontrih. Il-kwistjoni migjuba quddiemha mehud f’din il-perspettiva ristretta tista’ u ghandha tigi rizolta minn din il-Qorti fl-istadju li tigi mitluba jekk ikun il-kaz.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti twiegeb ghar-referenza mghoddija lilha mill-Qorti Kriminali kif gej cioe taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara illi gie lez id-dritt ta' Martin Dimech kif sancit fl-artikolu 6(3)(c) b'rabta mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja kwantu ma kellux l-assistenza legali waqt l-istqarrija li ghamel lil Pulizija fil-fazi qabel gie akkuzat u ma hemm ebda lezjoni taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Konformement ma' dak hawn deciz tordna li l-proceduri kontra Martin Dimech jitkomplew u thalli f'idejn il-Qorti Kriminali adita mill-kaz biex tevalwa din ic-cirkostanza hi u tizen il-provi mressqa quddiemha dwar l-akkuzi mressqin fil-konfront tieghu tenut in konsiderazzjoni dak li gie mqieghed bhala prova, deliberat u gie deciz f'din is-sentenza. Ghalhekk tordna lir-Registratur sabiex ighaddu lura l-atti lill-Qorti riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' tiddisponi mill-kaz skond din is-sentenza.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------